**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 28 ta' Jannar 2020

Rikors Numru: 335/19 AL

**A B**

Vs

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet ikkontrattaw iż-żwieġ tagħhom fl-għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena 2008 u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ markat Dok A.

2. Illi l-partijiet ilhom separati de facto għal aktar minn erba’ (4) snin u ċioe’ mix-xahar ta’ April tas-sena 2014 u dan kif jirriżulta minn klawsola (iv) tal-kuntratt tas-separazzjoni tagħhom in atti tan-Nutar Dottor Elisa Falzon hawn anness u markat Dok B.
3. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba’ snin mifrudin minn ma’ xulxin, illum għandhom ħajja totalment separata minn ma’ xulxin.
4. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta’ Malta.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jesponi:

1. Illi huwa jaqbel mat-talbiet kif dedotti b’dan illi huwa ma għandux ibaghti l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti kollha illi ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Lulju, 2019;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba` snin u legalment separati mis-17 ta' Settembru 2015 u

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.